KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 72

It-tnejn u sebgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 21 ta' Awissu 2017 fis-6.08 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*72.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*72.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*72.5 Rapporti ;*
*72.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*72.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*72.8 Mozzjonijiet ;*
*72.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 72.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

72.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-ittra ta' apoloġija tal-Vici Sindku u tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw. Kien hemm qbil għall-approvazzjoni li jiġu mitqiesha bħala assenti b'apologija.

## 72.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

72.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 71 tas-seduta 20 ta' Lulju, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

72.2.2 Is-Sindku talab li ssir korezzjoni f' punt 71.3.9 u l-ewwel parti tal-minuta tinqara kif ġej: 'Is-Sindku informa li f'laqgħa bejn it-*Tourism Zone Committee* u l-Prim Minsitru kien ġie diskuss l-istat tac-Chalet, fost oħrajn. Fid-diskussjoni mal-Ministru Konrad Mizzi il-proġett tac-Chalet reġa tqajjem'. Il-kumplament tal-minuta tibqa l-istess. Kien hemm qbil dwar dan.

*Il-Kunsillier P. Radmilli daħal għas-seduta 18.14*

72.2.3 Is-Sindku irrefera għall-punt 71.3.10 u talab li ssir korrezzjoni f'parti minn l-ewwel frazi u tinqara kif ġej: 'Is-Sindku informa li bl-għajnuna tas-CSD, wara laqgħa li s-Sindku u J. Pillow kellhom mas-Segretarju Parlamentari, se jiġi kunsidrat aktar tindif .....'. Kien hemm qbil dwar dan.

72.2.4 Is-Sindku talab li ssir korrezzjoni f'punt 71.3.13 kif ġej 'Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Borza ta' Malta in raprezentanza ta' kumpaniji....'. Kien hemm qbil dwar dan.

*Il-Kunsilliera V. Galea Pace daħlet għas-seduta 18.17*

72.2.5 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezzjoni f'punt 71.8.1 fl-aħħar

sentenza u tinqara kif ġej: ' Il-Kunsillier P. Radmilli propona li joħorġu zewġ offerti permezz tal-fondi mill-iskema kapitali, waħda għall-imsemmi *action plan* u l-oħra għall-konsulenza fuq *EU Funding*. Il-Kunsill qabel.' Kien hemm qbil fuq il-korrezzjoni.

72.2.6 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li ssir korrezzjoni f'punt 71.8.2 għall-ewwel parti tal-frazi u tinqara kif ġej: ' Il-Kunsillier P. Radmilli qal li ir-Reġjun Ċentru kien l-unika li prezenta studju.' Kien hemm qbil għal din il-korrezzjoni.

72.2.7 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-punt 71.4.1 u talab li tizdied 'AKL' għall-kampanja dwar mizuri ta' sigurta. Kien hemm qbil dwar il-korrezzjoni.

72.2.8 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet mitluba. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati.

*Approvazzjoni tal-minuti 71_20/07/2017*

## 72.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

72.3.1 Is-Sindku informa li qegħdin isiru l-bankijiet ta' Gnien Indipendenza u ingħataw diversi kuluri li għamlu ambjent ferm isbaħ. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġerixxa li s-sena d-dieħla jsiru dawk tal-*promenade* bl-itess kuluri. Ma ttieħditx deċizjoni f'dan il-mument.

*Bankijiet fi Gnien Indipendenza*

72.3.2 Is-Sindku informa dwar il-proċess ta' *tendering* tal-canopies. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-aħħar komunikazzjoni li kellu mal-Perit Muscat kienet li qiegħed jipprepara l-*ispecifications* għat-tender.

*Canopies*

72.3.3 Is-Sindku informa li bħalissa l-Kunsill qiegħed jagħmel xi xogħol ta' manutenzjoni fit-toroq hekk kif kien ġie deċiz fl-aħħar seduta. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-Kunsilliera kellhom iċ-ċans li jibgħatu suġġerimenti ta' toroq u bankini fejn ghandu jsir manutenzjoni, u kienu biss l-Kunsiliera P. Radmilli u V. Galea Pace li bgħatu s-suġġerimenti tagħhom. Il-Kunsilliera M. Aquilina u M. Briguglio qalu li importanti li dawn ix-xogħlijiet jitqassmu madwar Tas-Sliema kollha biex nolqtu kemm nistgħu residenti u mhux tkun area waħda biss.

*Xogħlijiet fit-toroq*

72.3.4 Is-Sindku irrefera għall-proġett tas-siġar fi Triq Dingli fejn il-Kunsill kien ġie infurmat li hemm bzonn ta' *full development application* għax l-applikazzjoni DNO ma ntlaqgħatx mil-PA . Is-Sindku

*Proġett Dingli u devulozzjoni tal-carpark*

informa, li kif kien deċiż, kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Chris Agius fejn kien prezenti wkoll il-Kunsillier J. Pillow wara li hu stess għamel kuntatt biex jinstiga l-laqa minnufih. Din kienet effettiva ħafna għaliex offra l-għajnuna tiegħu u s-Segretarju Parlamentari għamel kuntatt mal-perit tal-Kunsill fuq dan l-istess proġett mal-ewwel. Fuq nota oħra, peress li l-Lands Authority taqa' taħt ir-responsabbilta ta' l-imsemmi Segretarju Parlamentari Chris Agius, is-Segretarju Ezekuttiv informa li kitiblu wkoll dwar id-devoluzzjoni tal-*carpark* (ta' fejn it-Torri) hekk kif ukoll dwar id-devoluzzjoni għall-*carpark* tax-Xatt, u dan sabiex jiffacilita il-process tal-kuntratt.

72.3.5 Id-*draft agreement* għall-ġemelaġġ ma' Bialystok intbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif kien deċiż. Il-Kunsillier D. Muscat u s-Segretarju Ezekuttiv għandhom jiltaqgħu sabiex il-Kunsill ikun jista jirrispondi għal-mistoqsijiet li talab id-DLG dwar dan id-*draft agreement*. *Gemealġġ Bialystok*

72.3.6 Dwar il-laqgħa għall-lokalita li għandha ssir fit-12 t'Ottubru 2017, il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-*ispeakers* konċernati. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jibda jirriklama din il-laqgħa fuq *facebook, notice boards* eċċ., *Laqgħa tal-Lokalita*

72.3.7 Il-Kunsilliera V. Gaela Pace infurmat li kellha ilmenti dwar is-servizz tat-trasport ċirkulari li qiegħed jingħata prezentament madwar il-ħin tas-2pm. Is-Sindku informa li mill-uffiċċju tal-Kunsill ma tantx irċieva *feedbac*k u l-Kunsill kellu aktar rispons pozittiv dwar is-servizz li qiegħed jiġi provdut minn SOS Malta. *Servizz ċirkulari*

Fuq dan il-punt is-Sindku informa li kien hemm *misunderstanding* mal-kuntrattrur li qiegħed jieħu ħsieb is-servizz ċirkulari, għaliex il-prezz li talab oriġinarjament kien in-nofs li qiegħed jitlob bħalissa. Fiċ-ċirkustanzi u peress li kienet diġa riklamata, s-servizz ingħata xorta bi prova għal xahar kif kien miftiehem fl-aħħar seduta, u dan peress li xorta wahda is-servizz jibqa taht il-livell ta' *direct order*.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ipprova jistabillixxi l-aktar 'stops' li jintuzaw. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li l-*contracts manager* għandu jagħmel uzu ta' dan is-servizz ċirkulari fiz-zewġ ħinijiet differenti ħalli jkun jista jara kif qiegħed miexi u kif qiegħed jintlaqa mir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan.

*Il-Kunsillier P. Portelli ħareġ mis-seduta fis-18.45*

Is-Sindku fakkar li dan is-servizz qiegħed isir bi prova sal-15 ta' Settembru 2017 u jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jkompli b'dan is-servizz irid jiġi inkluz fil-*budget*, tinħareġ tender u proċeduri oħra kollha meħtieġa.

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal lura għas-seduta fis-18.48*

72.3.8 Is-Sindku ressaq talba mis-Socjeta San Girgor, sabiex issir l-attivita ta' qabel il-festa nhar is-Sibt u Hadd li gej, izda din id-darba tkun fuq il-*promenade* u mhux fi Gnien Indipendenza. Qegħdin jitolbu li jitpoġġa palk fejn l-istatwa ta' San Girgor u jkun hemm *food stalls* fuq il-*promenade* għaliex b'hekk jintlaħħqu aktar persuni mill-pubbliku prezenti. *Talba għall-attivita minn San Girgor*

Is-Sindku qal li se jkun qiegħed jiltaqa' mal-pulizija dwar din l-attivita. Kien hemm diversi reazzjonjiet għaliex il-*promenade* jista jiġi ngumbrat u ma jitħalliex aċċess bizzejjed għall-pubbliku. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li jkun hemm *barriers* biex ikun assigurat aċċess ta' zewġ metri miftuh ghall-publiku.

*Is-Sindku ġie skuzat fis-18.54*

Il-Kunsillier P. Portelli spjega kif is-sena l-oħra f'din l-istess attivita kien hemm muzika għolja u minkejja li rraporta l-għassa dawn baqgħu għaddejjin.

*Is-Sindku daħal lura fis-18.56*

Il-Kunsillier P. Portelli qal li dan is-Sajf ma kellniex ilment wieħed mir-residenti fuq attivitajiet u jibza li jekk issir fuq il-*promenade* tista toħloq inkonvenjent. Il-Kunsillier P. Portelli qal ukoll li dawn ilhom jippromovu din l-attivita min qabel ma ġiet approvata mill-Kunsill u qegħdin jgħaddu l-messaġġ li jekk il-Kunsill japprova jew le, l-attivita issir xorta.

Is-Sindku qal li hija sfortuna għaliex il-Kunsill jagħmel il-kundizzjonijiet u ma jsibx min jinfurzhom. Il-Kunsillier P. Radmilli issuġġerixxa li fil-laqgħa li se ssir mal-Pulizija nitolbu li jkun hemm *barriers*. Il-Kunsillier M. Brigugulio qal li tkun ħaġa tajba għaliex jekk se jkun hemm palk awtomatikament in-nies se jinġabru madwaru. Ġie nnotat li l-bank tal-injam mill-*promenade* diġa inqala' għal din l-istess attivita. Il-Kunsillier Briguglio ħassu urtat

minn dan il-fatt għaliex inqala minn qabel ma' ġiet approvata mill-Kunsill. Hu qal li f'dan il-kaz se jastjeni mid-deċizjoni għaliex iħoss li għandu jkun hemm rispett reċiproku. Il-Kunsillier D. Muscat qal li jaqbel li l-attivta issir kif talbu u jekk ma jzommux mar-regolamenti il-permess ma jingħatax għas-sena d-dieħla.

Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun tajjeb kieku nitolbu pjanta kif se tkun imqassma l-*area* u naraw li jinzammu mal-kundizzjonijiet. Is-Sindku informa li se ssir laqgħa mal-Pulizija fl-24 ta' Awissu fis-2.30pm u talab li l-Kunsilliera jkunu prezenti.

Sar qbil li l-Kunsill jibgħat *no objection* b'dawn il-kundizzjonijiet: Jitħalla 3 metri ta' spazzju fuq il-*promenade*, isir tindif, barriers, muzika sal-11pm u jekk ma jinzammux ir-regolamenti, s-sena d-dieħla ma jingħatax il-permess biex l-attivita terga ssir fuq il-*promenade*. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jibgħat ukoll lill-Assistent Kummissarju Mamo dawn il-kundizzjonijiet.

72.3.9 Il-Kunsillier D. Muscat informa bl-attivita Tas-Sliema Wirt u Niesha li se ssir fit-24 u 25 ta' Ottubru 2017. Informa li l-*flyers* bdew jitqassmu u qiegħed jinzamm il-budget ta' Ewro 8000. Informa wkoll li se jipprova jinvolvi kantanti Slimizi fil-programm. *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

Il-Kunsillier D. Muscat ipprezenta wkoll waqt is-seduta, ittra bit-titlu *Sponsorship Proposal - Tas-Sliema Wirt u Niesha 2017* fejn talab l-għajnuna tal-Kunsilliera f'kaz li jkun jafu li xi ħadd interessat li jghati *sponsor*. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jibgħat l-istess ittra b'email lill-kunsilliera kollha. Il-Kunsilliera D. Muscat informa wkoll li s-Sibt 28 ta' Ottubru 2017 fil-5pm se ssir quddiesa il-Knisja Nazzarenu u attivita fi Pjazza Sant'Anna.

72.3.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq korrispondenza dwar *European Mobilty Week Funding*. Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-ewwel proposta li tiġi aċċetata tingħata Ewro 50,000 u tat-tieni proposta Ewro 30,000. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li jkun hemm vettura zgħira li taħdem bl-elettriku li tkun tista tintuza għal servizzi f'toroq dojoq. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li għalkemm idea tajba u jaqbel jara li aħjar li kieku jgħaqqada mas-servizz ta' taxi mil-SOS Malta. Il-Kunsillier P. Radmilli għandu jibgħat l-applikazzjoni lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jahdem fuqha. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jagħmel kuntatt ma C. Taylor East minn SOS Malta u jahdem hu stess ma' SOS Malta fuq din l-applikazzjoni. *EMW*

72.3.11 Is-Sindku informa bil-korrispondenza dwar *Queen's Baton Relay*. Il-Kunsillier D. Muscat informa li din se tkun qegħda tgħaddi minn belt għal oħra nhar il-23 ta' Settmbru 2017 bejn id-0930 u l-1100 u l-Kunsill Tas-Sliema se jkun qiegħed jipparteċipa wkoll.

## 72.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET

72.4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill applika għall-attivita relatata mal-*Commonwealth* u li l-Kunsill jista jingħata Ewro 2000 mid-DLG. Il-Kunsilliera P. Radmilli u M. Briguglio se jiltaqgħu għall-aktar dettal.

72.4.2 Is-Sindku informa bl-email li kienet ġiet iċċirkulata dwar *European Week of Regions* li se ssir bejn id-9 u l-11 t'Ottubru, 2017 fi Brussels. Il-Kunsill ġie infurmat li r-Regjun se jħallas l-ispejjez ta' persuna waħda u l-Kunsill qabel li jħallas ta' zewġ kunsilliera oħra. Ġie deċiz li terġa tintbgħat l-*email* lill-Kunsilliera u min hu interessat jibgħat fi zmien ġurnata minħabba li l-Kunsill ikun irid japplika u jagħzel il-*workshops*.

72.4.3 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li rċieva proposta minn residenti ta' Triq Moroni dwar siġar biex jitpoġġew fit-triq, l-istess kif qed jigi pjanat ghal Triq Dingli. Is-Sindku informa li fl-Ewropa din hija xi ħaġa komuni. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ewwel jaqbel li jkollna gwida wara li l-Perit jiddiskuti l-permessi necessarji mal-Onor. Agius. Il-Kunsillier J.Pillow ġibed l-attenzjoni li hemm servizzi għaddejjin minn taħt il-bankina. Il-Kunsillier M Briguglio qal li jaqbel mal-prinċipju izda jaqbel li nitolbu parir tekniku ta' perit anke biex ikun jista jiċċekkja r-regolamenti tat-TM, specjalment dawk dwar accessibilta. Kien hemm qbil dwar dan. *Triq Moroni*

72.4.4 Il-Kunsillier P. Radmilli talab biex issir laqgħa ma' dawk konċernati għal *clean up* tas-16 ta' Settembru 2017 għaliex mhux infurmat bid-dettalji. Il-Kunsill għandu jikkordina laqgħa dwar il-*clean up* ma' Briiz, Camilla Appelgren u SOS Malta. *Clean up f'Tas-Sliema*

72.4.5 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li l-Kunsill ġie premjat l-ewwel mil-*Greenpak Local Councils Award* u ingħata Ewro 1000. *Greenpak Award*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.25*

Il-Kunsillier P. Radmilli propona li dawn il-flus jintefqu *f'recycling bins* u dawn jingħataw lill-appartamenti (short lets) bħala inċentiv minħaba li huma l-iktar li qegħdin joħolqu inkonvenjent, biex *Recycling Bins*

izommu mal-ħinijiet stipulati.

72.4.6 Il-Kunsillier J. Pillow propona li jsir ezerċizzju fuq l-iskart kummerċjali li jinġabar għaliex dawn qegħdin joħorġu l-iskart tagħhom sitt sigħat qabel meta skont il-liġi l-iskart support jinħareġ siegħa qabel biss. Is-Segretarju Ezekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jistaqsi sabiex ikun parti mill-laqghat li l-Gvern qed jghamel mal-Kunsill tal-Belt għaliex Tas-Sliema qegħda tiġi milquta bl-istess diffikultajiet. *Gbir ta' skart kummerċjali*

72.4.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet dwar id-*drinking fountain* (tan-naħa tal-gabbana Fond Għadir). Is-Segretarju Ezkekuttiv qal li ġie infurmat mil-ARMS li l-*meter* ma jistax jinqata' qabel ma jitħallas il-kont kollu. Il-Kunsillier J. Pillow propona li għandu jinxtara *sub meter* u jekk eventwalment jaqbel imbghad jitħallas il-kont. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikteb lill-Ministru fuq dan il-kaz. Sar qbil li għalissa l-*meter* ma jingħalaqx. *Drinking fountain*

## 72.5 RAPPORTI

72.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 72.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

72.6.1 Ma kienx hemm aktar rapporti

## 72.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

72.7.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat dwar il-pagament tal-latrini pubbliċi, għaliex qed ikollha diversi ilmenti dwar it-tindif. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-pubbliku jrid jifhem li dawn jitnaddfu tlett darbiet f'gurnata u jista jkun malli dawn ikunu tnaddfu jidħol xi ħadd wara u jħammeġ il-post. Il-Kunsill m'għandux fondi bizzejjed biex izomm *attendant* il-ħin kollhu għall-latrini kollha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li wieħed irid jagħti cans għaliex dan huwa kuntrattur ġdid u jidher li qiegħed isir progress.

72.7.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 46 u talab għar-rati tal-uffiċċjali tat-Transport Malta. Il-kont ġie prezentat għall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Is-Segretarju Ezekuttiv informa wkoll li ma kienx hemm pulizija l-anqas gwardjani lokali u x-xogħol

fit-triq kien diġa kkordinat biex jibda.

72.7.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 65. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawn huma diversi xogħlijiet li saru fil-latrina. Il-Kunsillier J. Pillow qal li għad hemm problema fil-locks u talab li l-pagament jinzamm *on hold*. Kien hemm qbil dwar dan.

72.7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta kontijiet għax-xogħol tat-turġien li diga kienu approvati bi kwotazzjoni li jsiru. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol jithallas.

72.7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv informa ukoll li wasslu l-kontijiet għar-*railing tal-bridge* fi Gnien Indipendenza. Il-Kunsill approva li jithallsu.

72.7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntrattur Char Ltd qiegħed jikkontesta l-fatt li l-Kunsill ma ħallasx l-ammont sħiħ tax-xogħol li għamel tal-Exiles. Il-kuntrattur qal li lest li jkun responsabbli ghall-sena jekk jidhol xi trabb fil-katusi izda mhux qabel ma jitħallas il-kont kollhu li wara kollox hu diga certifikat mill-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsillier J. Pillow qal li dawn kellhom isiru *boulders*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kienet saret laqgħa mal-perit, fil-prezenza tas-Sindku ukoll, u l-kuntrattur mexa fuq il-gwida tal-perit.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li meta tlabna lill-MTA biex issir ix-xibka, r-raprezentant tat-Tourism Zones Committee wiegbu li jkunu lesti li jhallsu ghax-xibka sakemm din titlesta sa qabel l-elezzjoni. Is-Segretarju qal li din ma setgħetx issir għax riedet tigi ordnata min barra mit-Terracore Ltd.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar din il-materja fejn il-Kunsill ma approvax kont li jithallas avolja dan huwa diga approvat mill-Perit tal-Kunsill. Is-Segretarju qara r-risposta tad-Direttur lill-Kunsill. Il-Kunsill ghaldaqstant qabel li tithallas id-differenza li fadal fil-kont ta' Char Ltd., u dan wara li jiffirma li jinzamm responsabbli ghal zmien ta' sena fuq it-tindif ta' trabbijiet li jistghu jingemaw fil-katusi.

Id-Direttur saqsa ukoll l-għaliex sar ix-xogħol fuq il-kosta min-naħa tal-Kunsill, fejn dan mhux responsabbilta tieghu. Il-Kunsillier J. Pillow qal li bl-istess raġunament saqsa għalfejn sar ix-xogħol fuq

it-turġien.

Il-Kunsillier P. Radmilli propona li nressqu l-kont tat-turgien lill-MTA fejn ngħidu li dan kellu jsir b'mod urġenti u nitolbu *refund* lill-MTA. Is-Sindku qal li fejn hemm perikolu l-Kunsill ma jistax jirraġuna li għax mhux kompitu tagħna mela ma jsirx għax imbgħad jista jkorri xi ħadd. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill irid jifhem ukoll li l-MTA jghamlu hafna affarijiet oħra u ħaġa għandha tikkompensa mal-oħra. Is-Segretarju sostna li prezentament qed isir hafna xoghol siewi bi shab mal-MTA.

72.7.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrimarka fuq diversi nuqqasijiet mil-perit fuq xogħlijiet oħra li mhumiex qegħdin sew bħat-tappiera ta' fejn Nazzarenu li ġew ċċertifikati u tħallsu u affarijiet oħra. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv qalu li f'dan il-kaz għandha issir laqgħa mal-perit fejn jiġu diskussi dawn in-nuqqasijiet u min hu interessat importanti li jkun prezenti f'din il-laqgħa.

72.7.8 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa min kien prezenti meta ntefa' l-bowser tal-ilma fuq il-progett tal-*boulders*. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li mar-rapprezentant tal-perit. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill jingagga esperti sabiex dawn jahdmu f'ismu u jirrakkomandaw bil-pariri teknici taghhom. Hadd mill-Kunsilliera jew staff ma ghandu jiprova jassumi responsabbilta ta' perit.

72.7.9 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li għandu konferenza ġewwa Belgium f'Settembru, 2017 u qiegħed jitlob li jiġi approvat il-*Per Diem allowance* li hu intitolat għalih. Kien hemm qbil dwar dan.

72.7.10 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni il-pagamenti kollha minbarra numru 65. Il-Kunsillier P. Portelli propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier D. Muscat issekonda. Kien hemm qbil dwar dan.

## 72.8 MOZZJONIJIET

72.8.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

## 72.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

72.9.1 Is-seduta intemmet fit-21.40. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 26 ta' Settembru 2017 fis-6pm.

Minuti approvati llum 26 ta' Settembru 2017

(IFFIRMATA) (IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**